# Kunsill Lokali Gżira

27 ta' April 2021

**Ref Nru. 28/2021**

Minuti tal-laqgħa Nru. 28/2021 li saret l-Erbgħa 24 ta' Marzu 2021

Il-Kunsill ltaqa' permezz ta onlajn meeting fuq Zoom fil-5pm.

**Preżenti**

Disa membri li kienu s-Sindku Conrad Borg Manché, il-Viċi Sindku Ralph Mangion, il-Kunsillieri Neville Chetcuti, Jessica Borg, Ian Buhagiar, Alex Zammit, Jeremy Cardona, Shaun Farrugia u Hugh Caruana flimkien mal- Agent Segretarju Eżekuttiv Claire Goodlip

**Skuzati**

Hadt ma kien skuzat

**Chairman**

Is-Sindku Conrad Borg Manché ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareg fl- 21 ta' April 2021

**28.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

28.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

**28.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

28.2.1 Il-minuti tal-laqgħa li saret it-Tlieta 23 ta' Frar 2021, ttiehdu bħala moqrija u ċ-Chairman stieden lil-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

28.2.2 Paġna Nru.2 para 27.2.2 – Scaffolfing mingħajr permissi. – Il-Kunsillier H.Caruana saqsa biex isir aġġornament fuq l-scaffolding bla permessi. L-Agent Seġretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsill li l-ebda liġi ma tagħti is-setgħa lil-Kunsill biex iħarrek lil kuntratturi. Dan jista jsir biss mil-gwardjani tal-Lesa. Għaldqastant il-lista tal-scaffoldings bla permess intbagħtet lil Lesa biex jiġu imħarka. Il-Lesa infurmat lil-kunsill li dawn gew imħarka kollha imma li tista tħarrikhom darba fix-xahar biss. Il-Kunsill ikkonkluda li titbgħat ittra fejn tinnotifika lil kuntratturi li l-ebda permess relatat mal-konstruzzjoni ma hu ħa jinħareg qabel jirrettifikaw ruħhom fuq l-scaffoldings.

28.2.3 Paġna Nru.2 para 27.2.3 – Laqgħa mal-Enemalta – Il- Kunsillier H.Caruana staqsa fuq il-laqgha li kellha issir mal-EneMalta, fejn is-Sinku stqar li ha jagħmel mezz biex issir sal-laqgħa li jmiss.

28.2.4 Paġna Nru.2 para 27.2.4 – Laqgħa mal-Kappillan – Il-Kunsilleir N. Cethcuti staqsa dwar il-laqgha li kellha issir mal-kappillan. Is-Sindku semma li hu għandu kuntat kontinwu mal-kappillan, u stqar li il-Kapillan jilqa l-istedina. Il-Kunsill qabel li għal din il-laqgħa hemm bzonn biss ta rapreżentaza tal-Kunsill.

28.2.5 Paġna Nru.3 para 27.2.8 - Pjazza Meme Scicluna – Il-Kusillier J.Cardona saqsa għal-aġġornament dwar il-progett ta Pjazza Meme Scicluna. L-Agent Seġretarju Eżekuttiv infurmat lil-kunsill li qed isiru arranġamenti biex niltaqaw u niddiskutu ma' St Properties (Stivala).

28.2.6 Paġna Nru.5 para 22.2.9 – Tower Crane ta' Belvedere – Is-Sindku semma' li kien hemm sitwazzjoni fejn minħabba li l- crane twaqqaf minn bankina sa ohra qiegħed izomm l-ilma ta-xita. Is-Sinku għarraf lil-Kunsill li huwa diga tkellem mas-sid u iddiskuta soluzzjoni fejn jinqataw żewg trinek fuq kull naħa. Is-sid kellu jitkellem mal-perit tiegħu għal parir tekniku sabiex jkun jista jaffetwa din il-modifika.

28.2.7 Paġna Nru.2 para 27.2.10 – Public Convenience –Il-Kunsillier N.Chetcuti talab aġġornament fuq il-Public convenience. Is-Sindku semma' li qedin nistennew mingħand il-perit biex jipprovdi il-pjanti necessarji, fejn il-pjan huwa li jsir bieb wieħed u mhux tnejn. L-Agent Seġretarju Eżekuttiv infurmat lil-Kunsill li saret laqgħa mal-perit fejn ġie diskuss il-progett. Wara il-laqgħa saret ukoll site visit sabiex il-perit jiddeterna li l-istruttura għadha fi stat tajjeb, il-ghaliex għaxar snin ilu l-istruttura kellha tigi restawrata minħabba li ma kienetx fi stat sigur. Il-Perit ikkonferma li l-stat għadu tajjeb. Issemmit ukoll l-ispiza ta dan il-project, fejn l-Agent Segretarju Ezekuttiv tenna li qedin nistennew gwida mingħand il-perit fuq il-materjal neccessarju fir-rigward l-standards meħtiga.

28.2.8 Paġna Nru.3 para 27.2.11 – Junction Box – L-Agent Segratarju Eżekuttiv ikkonfermat li għalkemm intbgħatu diversi tfakkiriet għadha ma ingħatatx risposta.

28.2.9 Paġna Nru.3 para 27.2.12 – Il-Problema tal-Hammiem – Is-Sindku qal li s-soluzzjoni li qed jipproponu l-Assocjazjoni tal-Kunsilli Lokali mhu ħa issolvi xejn.

28.2.10 Paġna Nru.3 para 27.2.11a – Korsijiet tal-ECDL– L-Agent Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li il-kuntratt ġie iffirmat u ħa jibda ir-reklamar għal-korsijiet. Is-Sindku semma' ukoll li hemm inizzjattiva oħra għal-korsijiet proposta mir-Regjun flimkien ma' TCTC.

28.2.11 Paġna Nru.4 para 27.2.12a – Ibins – Il-Kunsillier H.Caruana ura it-tħassib tiegħu ta' kemm sa jiswa dan il-proġett u semma li il-Kunsill jista jsib użu aħjar għal dan l-ammont ta' flus. Is-Sinku fakkar lil Kunsillier Caruana li dan l-investiment sa isir bejn il-Gven Lokai u il-GreenPak. L-Agent Segretaru Eżekuttiv kompliet tinfurma lil-kunsill li dawn il-fondi ha jiġu mogħtija għal dan il-progett specifiku biss.

28.2.12 Paġna Nru.4 para 27.2.13 – Cameras tat-Toroq – L-Agent Segretarju Eżekuttiv infurmat lil-Kunsill li saret laqgħa konsultattiva mal-Lesa fejn anki is-Sindku kien prezenti. F'din il-laqgħa ġie diskuss is-Servizz ta monitragg provdut mill-stess entita u gie miftiem li ser issir ukoll sit visit fejn se jigi diskuss x'sistemi ta cameras jinħtiegu. B'dan il mod jkunu jistaw jingabru il-kwotazzjonijiet. L-ASE semmiet ukoll li tali progett jikkwalifika għal fondi tal-Lesa 2021 – 2023. Il-Kunsill qabel li għal dawn il-fondi jigi proponut dan il-progett, fejn hemm iċ-ċans li jiżdiedu in-numru ta' sistemi.

28.2.11 Paġna Nru.4 para 27.2.14 – Community Police – Il-Kunsill ta' l-istruzzjoni sabiex titbgħat talba b'ittra lil Ministeru għall-Affarijiet Interni, Sigurtà Nazzjonali u Infurzar tal-Liġi għas-servizz tal-Community Police.

28.2.12 Paġna Nru.4 para 27.2.16 – Objection: Binja Kunsill Lokali – Il-Kunsillier J.Cardona talab aġġornament rigward l-objection. Is-Sinku infurmaħ li tali objection diġi diskussa waqt is-smieħ tat-talba għal permess mil-board tal-Planning Authority.

28.2.13 Paġna Nru.4 para 27.3.1 – Street Naming – Is-Sindku rega qajjem id-diskusjoni ta l-Street Naming ta' Triq San Gorg. Il-Kunsill baqa xettiku rigward din d-deciżjoni, fejn qabel li din il-bidla ħa toħloq inkonvenjent lir-resident tat -Triq. Sa fl-aħħar il-Kunsill iddecida li ma jagħmilx din il-bidla.

28.2.14 Paġna Nru.5 para 27.4.4 – Pagamenti Lesa – Is-Sindku infurma lil Kunsill li l-pagamenti tal-Lesa saru.

28.2.15 Paġna Nru.5 para 27.4.3 – Infurzar Lesa – Rigward l-infurzar mil-Lesa, il-Kunsill issuġġerixxa li terġa ssir laqgħa oħra mal-Lesa.

28.2.16 Paġna Nru.5 para 27.4.1 – Loading/Unloading – Il-Kunsillier H.Caruana staqsa għal update. L-Agent Segretaru Eżekuttiv infurmat il-Kunsill li Transport Malta għadha ma baghtitx il-lista sħiħa u sabiex jigu imbedla il-ħinijiet, dawn iridu jigu awtorizzati minn TM. Il-Kunsill iddiskuta il-possibilta li jkun hemm uniformita fil-ħinijiet, madanakollu jista jkun hemm l-eccezzjonijiet.

28.2.18 Paġna Nru.6 para 27.4.5 – Laqgħat tal-Kunsill – Ġew mizjuda il-minuti fejn il-Kunsillieri J.Borg kienet staqsiet jekk il-laqgħa setatx isir il-Kunsill bl-Ipads. Is-Sindku qal li dan ma setax isir minħabba il-microphones tal-Ipad jispiccaw jaqbdu lil xulxin u jinħoloq konfużjoni.

28.2.19 Paġna Nru.6 – Notifika – Ġie miżjud fil-minuti li l-Kunsillier J.Cardona telaq mil-laqgħa għax ħaseb li ħa jintfilu il-microphone u jibqa mitfi.

28.2.20 Paġna Nru.7 para 27.8.1 – Bye Law – Is-Sindku tenna li għandha issir laqgħa il-gimġħa ta wara sabiex jiġu diskussi u finaliżżati il-bye laws

28.2.21 Il-kunsillier N.Chetcuti ppropona li l-Minuti tal-laqgħa nru. 28 jiġu approvati. Il-kunsillier R.Mangion ssekondaħ.

**28.3 Komunikazzjoni tas-Sindku**

28.3.1 Immaniġġjar ta' l-Skart – Is-Sindku ikkomunika li fil-futur qarib ser ikun hemm tibdil ta kif t-Tender tal-Immaniġġjar ta' l-Iskart ħa jiġi implimentat. Dan it-Tender mhux ħa jibqa responsabbilta tal-Kunsill Lokali imma ser jinħareġ mir-Regjun. Kompla itenni li waqt laqgħa imsejħa fuq dan is-suġġett mil-Gvern Lokali, kienu diversi Sindki li urew it-tħassib tagħhom dwar din is-sistema il-gdida. Ħafna Kunsilli qed inħossu li ħa tiddajfilhom is-setgħa mal-kuntrattur, b'tali mod li jbagħti is-servizz provdut. Il-Kunsillieri qablu ma dan is-sentiment u jattendu iktar kjarifika mil-Gvern lokali rigward dan is-suġġett.

**28.4 Intervent ta' L-Staff**

28.4.1 Il-Kunsillier J.Cardona talab li waqt dan l-intervent il-laqgħa tigi sospentuda, madanakollu is-Sinku staqr li jħoss li din għandha tittiħed bħala okkazzjoni tajba biex il-Kunsill jiddiskuti dirett ma l-Staff. L-ebda Kunsillier ma sab oġġezzjoni oħra, għaldaqstant is-Sindku ħa ir-Ruling li l-laqgħa ma tigiex sospenduta.

28.4.2 Beda l-intervent Fabian Borg fejn tenna li l-għan ta l-Staff huwa pożittiv. Semma li waqt il-Performance Appraisal ta' Dicembru issemmew żewg okkażżjonijiet fejn l-staff ma tawx is-servizz massimu. Hu talab kjarifika u iktar informazzjoni. Il-Kunsillier H. Caruana semma li matul is-sena l-oħra kien hemm ħafna okkażżjonijiet fejn ir-residenti ma setgħux jaqbdu l-ufficju tal-Kunsill bit-telephone u li anki kien hemm problemi bl-intercom tal-bieb principali. Is-Sindku ikkonferma dak li qal il-Kunsillier, biss semmgħa ukoll li kien hemm bug fis-sistema tat-telefonija, li kienet ta detriment sabiex l-Staff jagħti s-servizz kif inhu xieraq. Fabian Borg kompla jsemmi li dan kollu ġara meta ġiet implimantata s-sistema l-ġdida u fej kien hemm ħsarat li l-affarijiet tagħhom damu biex gew minnbarra

28.4.3 Il-Kunsillier R.Mangion semma li kieku is-sistema tal-camera ġo l-ufficju giet implimentata, certu ilmenti kienu jiġu evitati. Dwar dan Fabian Borg stqar li minħabba ħsara fuq server li kien ilu jaħdem gġal dan l-ahhar 15-il sena, s-server kellu jiġi mibdul. Is-sistema tas-Server tinkorbora is-sistema tat-telefonija kif ukoll dik tal-cameras, b'tali mod li qabel ma jinbidel is-server ma seta jiġi implimentat xejn. Barra minn hekk, id-dewmin biex jiġi ix-xogħol minn barra gie fil-tul minħabba is-sitwazzjoni tal-pandemija.

28.4.4 Il-Kunsillier J.Cardona stqar li fil kas ta Jurgen Busuttil, xogħlu jagħmlu u tajjeb imma l-approċċ man-nies huwa kultant ftit żor. Is-Sindku stqar li ċertu

drabi il-mod kif in-nies tapproċċja lill-Staff huwa b'mod negattiv u jista jkun li bniedem f'certu mumenti jirritalja.

28.4.5 Fabian Borg semma il-punt fejn il-Kunsillier J.Cardona waqt il-Perfomance Appraisal, saħaq bin-nuqqas tal-preżenza tiegħu mil-uffiju. Fabian sostna li għandu raguni valida. Tenna li minħabba li hu Working Parent għandu il-facilita bi dritt fejn iqassam il-ħinijiet tiegħu tax-xogħol bejn l-ufficju kif ukoll mid-dar. Il-Kunsill għandu il-facilitajiet kollha għat-teleworking. Fabian kompla jispjega li minħabba il-pandemija, f'Marzu tas-sena l-ohra ħadem tliet gimgħat bla waqfien biex jinstalla sistemi ġodda ħalli jitkompla mixi l-operat tal-Kunsill bla telfin a ħin. Dan wassal sabiex waqa lura fl-istudju tieghu, fejn kien qed jagħmel Masters in Leadership ma' Coventry University ġewwa l-Ingilterra, b'tali mod li f'Lulju uza tliet ġimgħa mil-Leave tiegħu personali sabiex jirkupra il-żmien mitluf. Għaldaqstant xtaqt jagħmilha ċara li l-insinważżjoni li kien assenti minn fuq il-post tax-xoghol assolutament ma kienx minnu.

28.4.6 Il-Kunsillier H.Caruana stqar li ħa pjacir jisma update ta x'inhu x-xogħol li qed iwettaq Fabian u l-Staff, fejn issuġġerixxa li minn ta l-inqas kull tliet xhur issir tali update.

28.4.7 L-Agent Segretarju Eżekuttiv talbet biex tagħmel l-intervent tagħha fejn qalet li hi taqbel mat-tifħir li sar fuq Fabian pero riedet issostni li għalkemm x-xogħol ta Front Office u dak tal-Accounts jistaw ma jingħatawx l-importanża tagħhom daqs x-xogħol li jsir fuq proġetti, hija xorta riedet tenfasiżża l-isforż li qed isir mil-kumplament ta' l-Staff. Dan sostnietu billi qalet li minħabba it-telfa ta' Marion, kienet Cathleen Diacono li daħlet għax-xogħol ta' l-Accounts bla precendent u li il-kumpliment ta l-Staff daħal għal iktar x-xogħol minn dak li kien li oriġinaljament kellu, għal fini ta' kontiwazzjoni tal-funzjoni perintera tal-Kunsill. Għalqet billi issuggerit lil Kunsill li jekk jara xi nuqqasijiet jitkellem mil-ewwel u mhux jistenna il-Performance Appraisal. Dan sabiex tinstab soluzzjoni mil-ewwel u il-problema ma tibqax tkaxkar xhur sħaħ.

28.4.8 Il-Kunsillier H.Caruana saqsa mistoqsija diretta lil Aġent Segretarju Eżekuttiv, fejn semma e-mail li bagħat fit-18 ta'Marza u innota li Jurgen Busuttil kien waħdu l-ufficju w Fabian Borg ma kienx prezenti. Il- Kunsillier staqsa kif l-ufficju jista jopera b'persuna waħda. Is-Segretarja infurmat li Kunsill li Fabian kien bil-kwarantina mandatorja. Hawn Fabian qal li x-xogħol li jagħmel hu ma għandux x'jaqsam ma dak tal-Front Office, għaldaqstant jista jsir mid-dar bla problemi. Is-Segretarja kompliet tispjega, bħal ma kienu infurmati il-Kunsilliera kollha permezz ta' e-mail, li minħabba iż-żieda fil-kazi tal-Covid-19, l-amministrazzjoni komplliet issaħħaħ is-sistema tal-Clusters. Hawn l-staff kien qed jaħdem b'rotation ta' day in day out. Sostniet ukoll li kif Fabian kien għadu kemm spjega li l-Staff għadu il-facilitajiet kollha biex jaħdem mid-dar, fejn il-funzjoni totali tal-Kunsill hija

maqsuma bejn ħames minn nies (bejn front office u back office) u b'hekk tibqa għaddejja irrelevanti kemm hemm nies jaħdmu mil-ufficju. Is-Sindku intervjena u spjega lil Kunsillier li f'kas li l-Staff ikun kollu l-ufficju u jinqala kas ta' Covid-19, il-Kunsill ma jkollux triq oħra ħlief jagħlaq il-Kunsill għan-nies. Metri kif inhi is-sistema, r-residenti li jigu il-Kunsill jinqdew mil-Staff presenti u dawk li jċemplu u jibgħatu e-mail jinqdew minn dawn li jkunu qed jaħdmu mid-dar.

28.4.9 Cathllen Diancono esprimit d-dizappunt taha fejn il-Kunsill ikkunsidra li jnaqqas il-Performance Bonus meta hi tagħmel minn kollox biex taqdi lir-residenti bl-aħjar mod li tkun tista. Il-Kunsillier H.Caruana qal li dan l-ahhar 3 xhur – 6 xhur is-servizz tjieb immens. Hawn Cathleen innotat li f'kaz li kwalunkwe sistema tal-Kunsill iġġarrab xi ħsara, L-Staff ma għandux jeħel għal-certu nuqqasijiet bla kontrol. Fabian kompla jispjega li il-Kunsill għandu għaxar (10) linji u ħames Staff. Ladarba l-Staff kollu jkun fuq il-linja, is-sitt (6) call taqa fuq waiting list.

28.4.10 Is-Sindku għalaq l-intervent billi qal li kuntent ħafna bit-Team. Il-Kunsilliera urew l-apprezzament tahom u sostnew li dan l-intervent kien utli ħafna biex jifmhu iktar dak li jkun għaddej. Il-Kunsilliera qablu li kull tliet(3) xhur għanha issir laqgħa bħal din ma l-Staff

**28.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

28.5.1 **Kunsillier H.Caruana :** Nixtieq li tigi prezentata ircevuta tal ammont imhalsa ix xahar l-iehor lil Vince Hardware Stores No 1141.

L-Agent Segretarju Eżekuttiv ipprezentat koppja tal invoice mitluba u ikkonfermat li din l-invoice tinkludi żebgħa u materja relatata mal-ħitan biex jintuzaw fl-skola primarja. Fabian Borg talab jagħmel intervent fejn sostna li il-Kunsill ta' l-approvazzjoni tiegħu f'Novembru. Hu ikkonferma li dan il-materjal intuza biex inzebgħat l-iskola primarja kollha t'isfel. Ir-Riżorsi umani gie provdut minn nies ta' CWS provduti mil-Agenzija lil-iskola stess. Din ix-xirja saret bil-procedura normali, bi tliet quotes li huma fil-pussess tal-kunsill.

28.5.2 **Kunsillier H.Caruana :** E mail li jien bhatlek dated 18 ta Marzu nixtieq update sewwa

Il-Kunsillier H.Caruana stqar li din il mistoqsija diġa ħa ir-risposta taħa, 28.4.8. Huwa stqar ukoll li il-mistoqsija fuq l-email ma kinietx ċara.

28.5.3 **Kunsillier J.Borg:** Nixtieq li jkolli aġġornament u informazzjoni ċari rigward il-proċess tal-kwotazzjonijiet fuq il-'Live Streaming' u kif intgħażel il-fornitur fil-laqgħa li jmiss

L-Agent Segretarju Eżekuttiv sostna li s-sejħa saret skont il-procedura ta tliet (3) kwotazzjonijiet. Is-sejħa għall-kwotazzjoni ntbagħtet fid-29 ta 'Jannar, dealine 5 ta' Frar, 2021. Il-kwotazzjoni ntbagħtet lil tliet (3) kumpaniji u mad-dealine, irċevejna 2 kwotazzjonijiet, it-tnejn fil-5 ta 'Frar. Iż-żewġ kumpaniji kienu konformi ma 'speċifikazzjonijiet, w ikkwotaw kif ġej; Correct Tremination Ltd € 2124.50 u Infinite Fusion € 2755.30. L-inqas offerent kiseb il-kuntratt

28.8.4 **Kunsillier S.Farrugia:** Nixtieq update fuq email li battilna 8 ta Marzu 2021 dwar il pagamenti tal- lesa. Nixtieq ukoll inkun naf jekk mhux issiru regolari u normali il pagamenti tal lesa la issa hemm internet banking skont kif qegħda tindika inti flemail ta 8 ta Marzu.

Ħlasijiet dovuti lil-Lesa tħallsu kif avżat: 28.2.14. Il-LESA se tkun qed tirċievi pagamenti ta 'kull xahar u aġġornamenti b'mod korrispondenti.

28.5.5 **Kunsillier S.Farrugia:** Nixtieq Update dwar lis-spejjez li ħallasna ta l-Avukata Dr Claire Bonello. ( Din il mistoqsija diġà kont saqqejtha li laqgħa li għaddiet u għadni bla update. Jekk jogħġbok nixtieq update kompluta fdin il laqgħa li ġejja).

Is-Sindku irrimarka li dak li tinvojsja Claire Bonello huwa maqsum fi spejjez tal- Qorti jew Tribunal, kif ukoll tas servizzi taha. Ghaldaqstant l-ispejjez ta hawn fuq ġew imqasma tali u mhux kif gie irrapurtat waqt il-laqgħa b’ammont totali.

28.5.5 **Kunsillier J.Cardona:** B'referenza ghall-artiklu 52 (2) (F) u (G) tal-Ligi tal-Kunsilli Lokali (Kap 363) fejn fuqek tintefa r-responsabilita li tezegwixxi biss l-ordnijiet legittimi tal-Kunsill Lokali cioe u ser nikkwota l-ligi:

(f) joħroġ kull ordni oħra dwar xi nefqa <u>kif approvata mill-Kunsill</u>;

(g) <u>jeżegwixxi d-deċiżjonijiet leġittimi tal-Kunsill</u> u jwaqqaf kull attività jew inizjattiva li jkun ser jagħmel il-Kunsill li tkun kontra l-liġi, ir-regolamenti, strateġiji jew policies nazzjonali u lokali, jew kull attività jew inizjattiva li ma tkunx approvata b’deċiżjoni tal-Kunsill.

Bir-rigward tax-xiri tal-LapTop, tista l-Agent Segretarju Ezekuttiv tipprovdilna l-mozzjoni jew id-decizjoni fejn il-Kunsill approva li jinxtara dan

il-Laptop u f'liema laqgha (data u numbru) tali decizjoni ttiehdet sabiex eventwalment waslet halli jinxtara dan l-apparat?

U jekk ma kienx hemm approvazzjoni sabiex dan ix-xiri jsehh, min ha d-decizjoni u taht liema klawsola tal-Ligi li tirregola l-Kunsilli Lokali sar dan? Ingabru kwotazzjonijiet? Jekk iva tista tipprovdi kopja taghhom?

L-Agent Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li anki hawn ix-xiri sar skont il-process ta erbgħa (4) kwotażżjonijiet. Hawn taħt l-informazzjoni tal-kwotażżjonijiet:

| | | |
|---|---|---|
| Scan | € | 1,463.00 |
| AtoZ | € | 1,709.00 |
| Intercomp. | € | 1,740.00 |
| Klikk | € | 1,228.00 |

Il-Kunsillier J.Cardona sostna li fl-ebda laqgħa il-Kunsill ma iddiskuta ix-xiri tal-laptop għas-Segretarja. Is-Segretarja irribattit billi sostniet li l-ewwel darba li issemmgħa il-laptop għal uzu tas-Segretarja kien waqt il-laqgħa urgenti tal-binja. Kompliet tgħid li il-kunsillier S.Farrugia kien staqsa jekk il-laptop li kienet qeda tuża kienx tal-Kunsill jew le. Is-Segretarja spjegat li kienet qeda tuża il-laptop personali taha temporanjament, sakemm jinxtara il-laptop tal-Kunsill. Żiedet tgħid li flandament tax-xogħol tal Kunsill, laptop personali qatt ma għandu jintuza b'mod permanenti. Hawn l-ebda Kunsillier ma semmgħa xej jew irribatta ix-xiri ta dan il-laptop. It-tieni darba li jissemmgħa dan il-laptop kien waqt l-approvazzjoni ta' l-skeda tal-pagament fil-laqgħa li għaddiet, li saret nhar it-Tlieta 23 ta' Frar 2021. Dak inhar il-Kunsill approva il-pagamenti kollha.

Is-Sinku qal li kull ħaddiem għandu bżonn ta l-għodda biex jaħdem, fejn min iħaddem għandu l-obbligu li jipprovdielu. Sostna li s-Segretarju preċedenti kien jaħdem b'tiegħu, għaldqastant kien hemm bżonn jinxtara wieħed. Hawn il-Kunsillier J.Cardona qal li l-punt li jrid inqajjem hu li fil-waqt li jifhem dawn iċ-cirkostanzi, il-kunsilliera għandhom jiġu notifikati imqar b'e-mail. Ġie miftiehem li din ħa tkun il-proċedura il-ġdida f'każijiet partikolari bħal dawn.

28.5.6 **Kunsillier J.Cardona:** Fuq l-istess artikli tal-ligi, Bir-rigward tax-xiri tas-Server, tista l-Agent Segretarju Ezekuttiv tipprovdilna l-mozzjoni jew id-decizjoni fejn il-Kunsill approva li jinxtara dan il-Laptop u f'liema laqgha (data u numru) tali decizjoni ttiehdet sabiex evetwalment waslet halli jinxtara dan l-apparat?

L-Agent Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li anki hawn ix-xiri sar skont il-process ta tliet (3) kwotażżjonijiet. Hawn taħt l-informazzjoni tal-kwotażżjonijiet:

| | | |
|---|---|---|
| Digico | € | 13,230.00 |
| Ibis | € | 4,828.00 |
| Intercomp. | € | 5,695.00 |
| J2Group | € | 7,075.00 |

Fuq din il-mistoqsija għamel intervent Fabian Borg fejn qal li mas-server inxtara il-UPS. Kif semmgħa qabel is-sistema tat-telefonija kif ukoll dik tad-data hija illinkjata mas-server u taħdem bl-internet. L-UPS jagħti il-facilita li f'nuqqas ta dawl is-sistema tibqa għaddejja għal erbgħa siegħat u nofs oħra, b'mod li is-servizz jibqa għaddej. Fabian informa ukoll il-kunsill li peress li hu ikwalifikat bħal network engineer, il-Kunsill ikun qed jifrakna mas-sittin (60) euro fis-siegħa ta' servizz specjalizżat f'dan il-qasam, minħabba li jagħmel dan ix-xogħol huwa stess. Il-Kunsillier J.Cardona talab għal koppja tal-kwotażżjonijiet, fejn il-Segretarja ikkonfermat li ħa jitbagħtu b'email. Il-Kunsilliera urew tħassib fuq il-varjażżjoni fil-prezzijiet, fejn Fabian ikkonferma li dan jiddependi mil-fornitur u l-markup li jagħmel.

Is-Sindku kompla isemmi li s-sitwazzjoni tas-server kienet prekarja wara 15-il sena. Kif tnissel diversi drabi waqt din il-laqgħa, huma ħafna l-elementi li jiddependu mis-server u il-kunsill kien qied jissogra li jwaqqaf il-funzjoni tiegħu la darba jieqaf jaħdem is-server l-antik. Għaldaqstant meta Fabian infurmah li wasal biex jieqaf, ma kienx lok li wiehed jistenna il-laqgħa tal-Kunsill biex tittieħed deċiżjoni.

20.10 – Il-Kunsillier R. Mangion talab biex jitlaq mil-laqgħa

28.5.7 **Kunsillier S.Farrugia:** Wara li tkellimna fil laqgħat li għaddew u kien hemm qbil mil kunsilliera ukoll, wasal iz żmien li terġa' toħroġ applikazzjoni tas- segretarja eżekuttiv. Din applikazzjoni konna qbilna li toħroġ wara 3/4 xhur min meta inħatar Aġent segretarju. Nixtieq li il laqgħa li imiss din tiġi diskussa u imexxu biex toħroġ l applikazzjoni.

Is-Sindku qal li jaqbel li issir is-sejħa, madanakollu wieħed irid jiccekja mal-Gvern Lokali x'passi iridu jittiehdu, għal fatt li l-Agent Segretarju Eżekuttiv giet maħtura direttament mid-Direttur Generali. Is-Sindku kompla jgħid li hu kuntent bis-Segretarja, fejn din qed tagħmel sforz tajjeb ħafna u li hija ass għal-Kunsill. Il-Kunsillier J.Cardona sostna li il-mistoqsija saret għal fatt il-Kunsil għandu preżentement Agent Segretarju Eżekuttiv u mhux Segretarju

Eżekuttiv. Is-Sindku irrisponda li sa ftit xhur ilu segretarju part-time kien hemm, li wassal għal tgergir fost il-Kunsilliera, filwaqt li issa hemm Segretarja full-time. Il-Kunsilliera I.Buhagiar u A. Zammit qablu mas-Sindku. Għadaqstant, is-Sindku ried jikkonferma il-perijodu ta' prova, filwaqt li flimkien mal-Kunsilliera jagħti ċ-ċans li tinħatar bħala Segretarju Eżekuttiv. Hawn ġie mistoqsi jekk is-Segretarja hijiex qeda fil-pool, fejn is-Sindku dan is-sistema ta' ħatra ma għadiex sistema prattika għal-Gvern Lokali. Dan huwa minnu għal fatt li jew tituza din is-sistema wahidha, il-Gvern Lokali ma jkollux biżżejjed riżorsi umani biex jaqdi lil Kunsilli kollha ta' Malta u Għawdex. Fl-aħħar il-Kunsill ikkonkluda li ħa jitlob il-parir tad-Diretturi Ġeneral biex jagħraf bil-passi li għandhom jittieħdu.

## 28.6 Rapporti

28.6.1 Waqt il-laqgħa reġaw ġew diskussi ir-rapporti tal-Contracts Manager fuq is-servizzi provduti mil-kuntratturi. Is-Sindku semmgħa li dawn ir-rapporti jridu ikunu konċiżi, b'tali mod li il-Kunsill jieħu idea cara u ahjar ta' x'inhu jiġri.

## 28.7 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

28.7.1 Central Strip Triq tas-Sliema – Il-Kunsillier N.Cethcuti issuġġerixxa li tiġi restawrata u imsebħa b'sigar jew xitel u dawl għaddattat. Il-Kunsillier I. Buhagiar filwaqt li qal li jaqbel, semmgħa ukoll li l-ammont ta parking ma għandux jitnaqqas. Il-Kunsilliera qablu li dan huwa progett ta' siewi għal-lokalita tal-Gzira

28.7.2 Qtuh ta' ħaxix fejn l-għalqa– Il-Kunsiller I. Buhagiar wissa sabiex il-ħaxix ma jitħalliex joħroġ fit-triq, għaliex la darba jsir dan tkun fiha biċċa xogħol sew biex jinqata.

28.7.3 Il-Kunsillier N.Chetcuti qal li kien hemm l-ilmenti fuq Triq Cameron u l-Pjazza ta San Albert biex isir xi restawr fit-toroq. Semmgħa ukoll li dan ix-xogħol diġa inbeda mil-persuna inkariġata fuq il-Maintanance. Madanakollu is-Sindku sostna li dawn iridu isiru mil-ġdid. Xogħol ta toroq ġodda huwa kompetenza ta' Instructure Malta, fejn il-Kunsill jista biss jagħmel talba.

**28.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

28.8.1 Il-kunsillier H.Caruana staqsa fuq il-pagamenti tal-lezzjonijiet tal-crafts u l-arts. Is-Sindku qal li l-Crafts għadhom isiru fejn żdiedu il-granet u qed imorru tnejn tnejn. Fil-waqt li ta l-art imwaqfin imma minflok Louis qed jagħti l-għajnuna u s-servizz tiegħu fl-ufficju kważi ħames (5) darbiet fil-gimgħa.

28.8.2 Il-kunsillier H.Caruana qal li fejn hemm id-deskriżjoni Maintanance, hemm bżonn li id-deskriżżjoni tkun iktar ċara x'inxtara.

28.8.3 Il-Kunsillier J.Cardona sostna li ma jħossux komdu jipproponi u jissekonda il-pagamenti għaliex hemm certu affarijiet li mhux ċari fid-deskrizzjoni. Is-Sindku sostna li kemm ilu Sindku dejjem intużaw l-stess deskrizzjonijiet u ma jarax għalfejn ma jħossux komdu.

28.8.4 Il-kunsillier A. Zammit ppropona li l-paġamenti jiġu approvati. Il-kunsillier I. Buhagiar ssekonda.

**28.9 Mozzjonijiet**

28.9.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

**28.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

28.10.1 Il-laqgħa intemmet ghall-habta ta' 8.50pm. Is-seduta li jmiss se tkun nhar l-it-Tlieta 27 ta'April fil-5pm.

Konfermati, illum 27 ta' April 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Claire Goodlip<br>Aġent. Segretarju Eżekuttiv |